



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.10.2007  
KUMM(2007) 619 finali

2007/0216 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Ir-Regolament (KE) 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri ma jinkludix eċċezzjonijiet għat-teħid tal-marki tas-swaba'. Għalhekk huwa neċessarju li jiddaħħlu dispożizzjonijiet li jeskludu minn dan ir-rekwiżit it-tfal taħt l-età ta' 6 snin u l-persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) 2252/2004 dwar l-istandards tas-sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti oħra ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri<sup>1</sup> fit-13 ta' Diċembru 2004.

Fiż-żmien tal-proposta mill-Kummissjoni u d-diskussjonijiet dwarha fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill, ma kienu disponibbli l-ebda esperjenzi bl-użu ta' *data* bijometrika għal applikazzjonijiet fuq skala kbira fid-dokumenti ta' l-ivvjaġġar. Dawn it-teknoloġiji l-ġodda ta' l-inserzjoni ta' ċipep b'*data* bijometrika kienu għadhom ma ġewx applikati jew ippruvati. Matul proġetti pilota ta' xi Stati Membri deher li l-marki tas-swaba' tat-tfal taħt l-età ta' 6 snin ma kinux ta' kwalità suffiċjenti għal verifika personali ta' l-identità. Barra dan, huma suġġett għal tibdil importanti li jagħmilha diffiċli li jiġu verifikati matul il-perjodu kollu ta' validità tal-passaport.

Kemm minħabba raġunijiet legali u minħabba raġunijiet ta' sigurtà huwa f'idejn il-leġislażzjoni nazzjonali li tiddefinixxi l-eċċezzjonijiet mill-obbligu li jkunu pprovduti marki tas-swaba' għall-passaporti u dokumenti oħra ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri.

B'konsegwenza, il-Kummissjoni tipproponi emenda għar-Regolament (KE) 2252/2004 sabiex tipprovdi eċċezzjonijiet armonizzati: it-tfal taħt l-età ta' 6 snin u persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba', għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit.

- Barra dan, bħala miżura supplimentari ta' sigurtà u sabiex ikun provdut ħarsien addizzjonali għat-tfal, ser jiġi introdott il-prinċipju ta' "persuna waħda-passaport wieħed". Huwa wkoll rakkomandat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) u dan jiżgura li l-passaport u l-karatteristiċi bijometriċi huma marbuta biss mad-detentur tal-passaport. Huwa iktar sikur jekk kull persuna jkollha l-passaport tagħha. Jekk, pereżempju, jinħareġ passaport li jinkludi wkoll it-tfal tal-persuna, b'isimhom biss u mingħajr ir-ritratti, id-*data* bijometrika tal-ġenitur rispettiv biss tiġi introdotta fuq iċ-ċippa. L-informazzjoni bijometrika tat-tfal ma tkunx imdaħħla. B'konsegwenza, l-identità tat-tfal ma tistax tiġi vverifikata b'mod affidabbli. Dan jista' jiffavorixxi t-traffikar tat-tfal. L-introduzzjoni tal-

---

<sup>1</sup> ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1.

prinċipju “persuna waħda-passaport wieħed” jevita dan l-effett negattiv.

- **Proċedura ġdida ta' Komitoloġija**

Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet proċedura regolatorja bi skrutinju għal miżuri ta' ambitu ġenerali ddisinnjata biex temenda elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat. Ir-Regolament (KE) 2252/2004 jistabbilixxi proċedura ta' Komitoloġija sabiex jiġu żviluppati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 2 li huma neċessarji għall-implimentazzjoni tar-Regolament. Ir-Regolament ma nbidel f'xejn. L-ispeċifikażjonijiet tekniċi huma kumplimentari għar-Regolament u jistabbilixxu, pereżempju, kif l-aċċess għaċ-ċippa huwa sikurizzat. Jekk dawn l-ispeċifikażjonijiet tekniċi għandhom jibqgħu sigrieti biex jiġi evitat li falsifikaturi jew persuni b'intenzjonijiet ħżiena jista' jkollhom aċċess u jużawhom għal raġunijiet malintenzjonati, il-kumitat tal-komitoloġija jista' jiddeċiedi skond l-Artikolu 3 li għandhom ikunu sigrieti. Lanqas din id-deċiżjoni ta' komitoloġija mhi ser taffettwa lir-Regolament. Din tippreżenta biss eżekuzzjoni tar-rekwiżiti tar-Regolament partikolarment li d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar ikollhom livell ta' sigurtà ogħla.

B'konsegwenza, il-proċedura tal-komitoloġija bi skrutinju ma tapplikax.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Din il-proposta tara li temenda r-Regolament (KE) 2252/2004 li bħalissa ma jkoprix eċċezzjonijiet mir-rekwiżit tal-marki tas-swaba'. Għalhekk l-introduzzjoni tal-prinċipju “persuna waħda-passaport wieħed” u li jiġu eżentati minn dan ir-rekwiżit it-tfal ta' taħt l-età ta' 6 snin u l-persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba', hija żieda neċessarja għal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Mhux applikabbli.

## 2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Dan ir-Regolament huwa emenda għar-Regolament (KE) 2252/2004 eżistenti. Rigward l-ewwel emenda, l-eċċezzjoni ta' l-obbligu li jingħataw il-marki tas-swaba', ġiet indirizzata matul id-diskussjoni dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fejn Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) u l-grupp ta' ħidma dwar il-protezzjoni tad-data fl-Artikolu 29 ġew ikkonsultati. Il-KEPD iddikkjara li għandhom jiġu introdotti proċeduri ta' rimedju għal dawk il-persuni li ma jistgħux jipprovdu identifikaturi bijometriċi, anke matul id-diskussjonijiet ta' l-Emenda għall-Istruzzjonijiet Komuni Konsolari li jintroduċu l-bijometrika.

B'rabta mat-tieni emenda, l-introduzzjoni tal-prinċipju “persuna waħda-passaport wieħed”, ħafna Stati Membri diġà qed jimxu ma' dan il-prinċipju minħabba li huwa rakkomandat ukoll mill-Organizzazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern addizzjonali (ara fuq).

- **Valutazzjoni ta' l-impatt**

Ma twettqitx valutazzjoni ta' l-impatt. Din il-proposta qed tikkumplimenta r-Regolament (KE) 2252/2004. Din tintroduċi l-prinċipju ta' "persuna waħda-passaport wieħed" u teżenta minn dan ir-rekwiżit lit-tfal taħt l-eta ta' 6 snin u persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'. Għal ta' l-ewwel, ħafna Stati Membri diġà qed isegwu dan il-prinċipju u, għalhekk, mhux ser ikun hemm spejez addizzjonali għal dawk l-Istati Membri. Barra dan, l-Istati Membri li joħorġu passaporti tal-familja diġà qed jipprevedu l-possibilita li joħorġu, fuq talba, passaporti individwali għaliex huma, pereżempju, neċessarji għall-ivvjaġġjar fl-Istati Uniti. Għalhekk, anke f'dawn il-każijiet mhux ser jiġu ġġenerati spejez addizzjonali. Madankollu, ser ikun hemm xi spejez addizzjonali għaċ-ċittadini. Ser ikollhom iħallsu miżata għal kull passport. Madankollu, il-passaport huwa neċessarju biss għall-ivvjaġġjar f'pajjiżi terzi għaliex għall-ivvjaġġjar fl-UE hija biżżejjed karta ta' l-identita. Barra dan, l-ivvjaġġjar isir iktar sikur minħabba li t-tfal huma mħarsa aħjar. B'rabta ma' tat-tieni – l-eċċezzjonijiet mill-obbligu li jingħataw il-marki tas-swaba' – l-emenda hija tweġiba għat-talba għall-introduzzjoni ta' proċeduri ta' rimedju.

### 3) L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Il-Kummissjoni tipproponi emenda għar-Regolament (KE) 2252/2004 sabiex tarmonizza l-eżenzjoni indispensabbli minn dan ir-rekwiżit tat-tfal taħt l-eta ta' 6 snin u persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'. Barra dan, għal raġunijiet li tiġi żgurata s-sigurtà tad-dokumenti l-prinċipju ġenerali li huwa wkoll rakkomandat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), riferut bħala "persuna waħda-passaport wieħed", huwa introdott. Dan għandu jgħin biex jiġi evitat it-traffikar tat-tfal. Ser ikollhom il-passaport tagħhom bl-identifikaturi bijometriċi tagħhom stess, li jħaffef il-verifiki fil-fruntiera.

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 62(2)(a) TKE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjeta**

Ir-Regolament (KE) 2252/2004 ġie adottat mill-Komunità. Il-Komunità għandha wkoll il-kompetenza li tipprovdi armonizzazzjoni ta' eċċezzjonijiet għar-rekwiżit li jingħataw il-marki tas-swaba'.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalita għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

Din il-proposta temenda r-Regolament (KE) 2252/2004 u tintroduċi l-prinċipju ta' "persuna waħda-passaport wieħed" u teżenta minn dan ir-rekwiżit lit-tfal taħt l-età ta' 6 snin u persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

L-istrument propost: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux addattati għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.

Ir-Regolament (KE) 2252/2004 għandu jiġi emendat b'Regolament.

#### **4) IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT**

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Komunità.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2252/2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 62(2) a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>3</sup>,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew ta' Tessalonika ikkonferma li jinħtieġ approċċ koerenti fl-UE fir-rigward l-identifikaturi bijometriċi jew id-*data* bijometrika għad-dokumenti taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, għall-passaporti taċ-ċittadini ta' l-UE u għas-sistemi ta' informazzjoni (il-VIS u s-SIS II).
- (2) F'dan il-kuntest, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2252/2004 fit-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-istandards għall-karatteristiċi ta' sigurtà u l-bijometrika f'passaporti u dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri<sup>4</sup> bħala pass importanti lejn l-użu ta' elementi ġodda, li jagħmlu d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar iktar sikuri u li jstabbilixxu rabta iktar affidabbli bejn id-detentur u l-passaport bħala kontribuzzjoni importanti biex jiġi żgurat li huwa protett kontra użu falz.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 jipprovdi għal obbligu ġenerali li jingħataw il-marki tas-swaba' li jiddaħħlu f'ċippa tat-tip ta' bla kuntatt fil-passaport. Madankollu, l-esperjenza mit-testijiet uriet li hemm bżonn ta' eċċezzjonijiet. Matul proġetti pilota ta' xi Stati Membri deher li l-marki tas-swaba' tat-tfal taħt l-età ta' 6 snin ma kienux kwalità suffiċjenti għal verifika personali ta' l-identità. Barra dan, huma suġġett għal tibdil importanti li jagħmilha diffiċli li jiġu verifikati matul il-perjodu kollu ta' validità tal-passaport.
- (4) L-armonizzazzjoni ta' eċċezzjonijiet għar-rekwiżit tal-marki tas-swaba' hija essenzjali sabiex jinżammu standards komuni ta' sigurtà u biex jiġu ssimplifikati l-kontrolli fil-

---

<sup>2</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU L 385, 29.12.2004, p. 1.

fruntiera. Kemm minħabba raġunijiet legali u minħabba raġunijiet ta' sigurtà huwa f'idejn il-leġislazzjoni nazzjonali li tiddefinixxi l-eċċezzjonijiet mill-obbligu li jkunu pprovduti marki tas-swaba' għall-passaporti u dokumenti oħra ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati Membri.

- (5) Barra dan, bħala miżura supplimentari ta' sigurtà u sabiex ikun provdut ħarsien addizzjonali għat-tfal, għandu jiġi introdott il-prinċipju ta' "persuna waħda-passaport wieħed". Huwa wkoll rakkomandat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) u dan jiżgura li l-passaport u l-karatteristiċi bijometriċi huma marbuta biss mad-detentur tal-passaport. Huwa iktar sikur jekk kull persuna jkollha l-passaport tagħha.
- (6) Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hemm bżonn sabiex jintlaħqu l-għanjiet segwiti skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat.
- (7) F'konformità ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhijiex tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta miegħu jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, billi dan ir-Regolament jimmira li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen skond id-dispożizzjonijiet tat-tielet parti tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, skond l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta dan ir-Regolament jekk tittrasponihix fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (8) Dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet dwar l-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jhux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen<sup>5</sup>; għalhekk ir-Renju Unit mhux qiegħed jiegħu sehem fl-adozzjoni tagħha u la hu marbut biha u lanqas soġġett għaliha.
- (9) Dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tiegħu sehem fi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen<sup>6</sup>. Għalhekk l-Irlanda mhijiex se tiegħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (10) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen<sup>7</sup>, li jaqgħu taħt il-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim<sup>8</sup>.

---

<sup>5</sup> ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

<sup>6</sup> ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

<sup>7</sup> ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

<sup>8</sup> ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31

- (11) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqa' fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1 punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqrija flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/849/KE<sup>9</sup> u 2004/860/KE<sup>10</sup>.
- (12) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 2252/2004 għandu jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2252/2004 huwa emendat kif ġej:

- (1) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-passaporti u d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa mill-Istati membri għandhom ikunu konformi ma' l-istandards minimi ta' sigurtà stabbiliti fl-Anness.

Dawn għandhom jinħarġu bħala dokumenti individwali.”;

- (2) il-paragrafu 2a li ġej huwa mdaħħal wara l-paragrafu 2:

"2a. Dawn il-persuni għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit tal-marki tas-swaba’:

- (a) tfal taħt l-età ta' 6 snin;
- (b) persuni li għalihom huwa fiżikament impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba’”.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha b'mod konformi mat-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

---

<sup>9</sup> ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26-27

<sup>10</sup> ĠU L 370, 17.12.2004, p.78-79